

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ċeka**(Kawża C-152/23)**

(2023/C 155/57)

*Lingwa tal-kawża: Iċ-Ċek***Partijiet**

Rikorrent: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Salyková, J. Baquero Cruz, aġenti)

Konvenut: Ir-Repubblika Ċeka

Talbiet

Il-Kummissjoni Ewropea titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tiddikjara li billi naqset milli tadotta d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni⁽¹⁾, u billi naqset milli tikkomunika l-imsemmija dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Repubblika Ċeka naqset milli twettaq l-obbligi tagħha bis-sahħha tal-Artikolu 26(1) u (3) tal-imsemmija direttiva;
- tikkundanna lir-Repubblika Ċeka tħallas lill-Kummissjoni somma f'daqqa li tikkorrispondi għall-ogħla ammont mit-tnejn li ġejjin: i) ammont ta' kuljum ta' EUR 4 900 immultiplikat bin-numru ta' jiem li ddekorrew bejn id-data ta' wara l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni stabbilit fl-imsemmija direttiva u d-data li fih intemm il-ksur, jew, fil-każ fejn is-sitwazzjoni ma tkunx ġiet ir-regolarizzata, id-data tal-għoti tas-sentenza fil-kawża inkwistjoni; ii) somma f'daqqa minima ta' EUR 1 372 000;
- fil-każ fejn in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat fl-ewwel inċiż ikompli sad-data tal-għoti tas-sentenza fil-kawża inkwistjoni, tikkundanna lir-Repubblika Ċeka tħallas lill-Kummissjoni pagament ta' penalità ta' EUR 19 110 għal kull jum ta' dewmien ikkalkolat mid-data ta' ġħoti tas-sentenza fil-kawża inkwistjoni sad-data li fiha r-Repubblika Ċeka tikkonforma ruħha mal-obbligi taħt id-Direttiva; u
- tikkundanna lir-Repubblika Ċeka għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2019/1937 tistabbilixxi sistema effikaċi għall-protezzjoni tal-persuni li jaħdmu fi ħdan organizzazzjoni privata jew pubblika jew li jżommu kuntatt ma' tali organizzazzjonijiet meta dawn il-persuni jirrapportaw ksur tad-dritt tal-Unjoni fċerti oqsma.

Konformement mal-Artikolu 26(1) ta' din id-direttiva, l-Istati Membri kellhom obbligu li jadottaw id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċċessarji sabiex jikkonformaw ruħhom mad-Direttiva sa mhux iktar tard mis-17 ta' Diċembru 2021. Konformement mal-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu, l-Istati Membri kellhom ukoll l-obbligu li jikkomunikaw immedjatamente lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lir-Repubblika Ċeka fis-27 ta' Jannar 2022. Fil-15 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni bagħtet opinjoni motivata lir-Repubblika Ċeka. Minkejja dan, il-miżuri ta' traspożizzjoni baqgħu ma ġewx adottati mir-Repubblika Ċeka u lanqas ma ġew ikkomunikati lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU 2019, L 305, p. 17.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Estonia**(Kawża C-154/23)**

(2023/C 155/58)

*Lingwa tal-kawża: l-Estonjan***Partijiet**

Rikorrent: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Baquero Cruz u L. Maran, aġenti)

Konvenut: Ir-Repubblika tal-Estonia